# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 57

It-Tlieta 3 ta' Jannar 2012 fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fis-6.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Vici Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Peter Buontempo, Valerie Borg u Mario Camenzuli. Il-Kunsillier Raymond Azzopardi kien skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 56 li saret nhar **L-Erbgħa 7 ta' Diċembru, 2011,** kienu konfermati.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

- Is-Sindku nforma li l-uffiċjal inkarigat mill-affarijiet barranin Fabian Galea ssottometta applikazzjoni mal-MEPA biex jingħataw fondi biex issir feasibility study fuq il-proposta ta' Parkeġġ addizjonali fil-Belt Valletta kif ukoll entratura ġdida min Triq Nofs in-Nhar.

- Is-Sindku nforma li inbeda x-xogħol fi Triq San Nikola. Wara Old Hospital u North street. Is-Sindku nforma wkoll li wara l-Għid ser tinbeda Strada San Paulo min Triq it-Teatru sa Kastilja.

- Is-Sindku nforma li ser tinstab gurnata biex jingħata l-premju tal-*photo competition*.

- Is-Sindku nforma li qed nistennew l-*compliance* tal-MEPA ta' Mattia Preti biex nkunu nistaw inkomplu bil-ftuħ tal-Pjazza.

- Is-Sindku nforma li ser tintbgħat Press release dwar l-attivita' ta' Lejliet l-ewwel tas-sena.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma lil kunsillieri dwar l-fondi mgħotija mis-Segretarjat ta' Chris Said

  Dawn jinkludu:
  - Fondi – Skema dwar Aċċessibilta' aħjar fil-lokalitajiet
  - Fondi għall-Attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena
  - Fondi għall-Attivita' 'L-Belt terġa tieħu l-ħajja'
  - L-Fondi għall- attivitajiet Sportivi

- Is-Sindku nforma li din is-sena il-Belt ser tkun parteċipi fl-attivita' Betlehem f'Għajnsielem. Ser issir press conference nhar il-Ġimgħa 6 ta' Jannar fil 11.00am fi Pjazza San Ġorġ. Din is-sena s-Slaten Magi ser jitilqu min Pjazza San Ġorġ u dan ser isir nhar is-Sibt7 ta' Jananr 2012.

- Is-Sindku nforma lil kunsill li bħal kull sena ser niċċelebraw iċ-*Chinese Spring Festival* nhar l-14 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill jalloka 4,000 euro mill-budget ta' l-attivitajiet għal dan il-għan.

- Is-Sindku nforma li ser jinbeda x-xogħol fi Sqaq Toni Bajjada. Nforma wkoll li sqaqin oħra li ser isiru din is-sena huma:
    - Sqaq ta' Ljuni w n-nizla ta' ma Strada Sant'Ursola
    - Belveder taħt il-qanpiena
    - Carmelite Lane

  Hemm il-ħsieb li jsir ukoll is-Sqaq ma'Old Hospital street. Dejjem jekk il-budget jippremetti.

- Is-Sindku nforma li ser isir l-eżami għal l-ewwel stadju ta' V18. Dan ser isir nhar il-Tlieta 17 ta' Jannar 2012.

- Is-Sindku nforma dwar il-premju Gieħ il-Belt. Hu qed jiproponi li jingħata lil Soru ta'L-Ursolini li tagħt kontribut kbir lil kommunita' Beltija fil-hidma taggha ma tfal beltin.

- Is-Sindku nforma li ser issir l-applikazzjoni għat-tieni fażi tal-PPP.

- Is-Sindku nforma li ser isir on-site visit fil- ground tas-Salinos biex naraw kif nistaw nagħmlu biex innehhu il-periklu li jezisti kif konna weghdana

- Is-Sindku nforma li ser jigi approvat il-Performance Bonus tal-ħaddiema kollha.

- Is-Sindku ta' l-inkarigu lil Kunsillier Vince Farrugia biex jagħmel xi stħarrig dwar in-niżla li tmiss ma Sqaq l-Iljuni.

**KORRISPONDEZA**

- L-Kunsill rċieva talba min għand l-Valletta Football Nursery biex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill biex isiru laqgħat bit-Tema – Investing in the Future. Il-Kunsill laqgħa t-talba.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand l-ELC li ser isir proġett u ser jigu mqassma 250 pjanta għand ir-residenti. Dan ser ikun proġett biex insebħu l-ambjent ta' area partikolari. Il-Kunsill laqgħa din it-talba bi pjaċir.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand l-Valletta Subbuteo Club. Dawn xtaqu laqgħa mas-Sindku. Il-Kunsill laqgħa din it-talba w ser issir laqgħa.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand il-Historical Re-enactment group of malta. Dawn ser jorganizzaw attivita' nhar is-17 ta' Jannar 2012 u ser isiru fit-toroq tal-Belt. Il-Kunsill laqgħa din it-talba bi pjaċir.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand l-Public Cleansing li ser jigi t-terminat il-kuntratt u għalhekk it-tender kellu jinħareg immedjatament. Il-Tender għandu jkun fast track minħabba l-urgenza. Flimkien ma dan it-tender ser jinħareg dak ta' LCD Screens.

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI**

- Il-Viċi Sindku nforma li ser isir l-Executive Meeting tal-European Walled Towns Association. F'din il-laqgħa ser ikun hemm il-kunsill tal-Birgu, ta' L-Imdina u tar-Rabat, Għawdex. Qed jigi preparat il-program min-naħa tal-kunsill tagħna. Din il-laqgħa ser issir f'Mejja 2012.

- Saret diskussjoni dwar is-sistema tad-dwal tal-Belt. Lkoll qablu li s-sistema hija ħażina u li hemm bżonn tittieħed deċizjoni x'se jsir. Is-Sindku nforma li hu personali dar mal belt u qed jigri wara l-enemalta biex tissolva din il-problema.

- Il-Kunsillier Mario Camezuli għamel kumment dwar l-istat tat-Triq Bull Street kif ukoll biex il-kunsill jagħmel infurzar fi Blokka Flores A minħabba li qed jinħareġ iz-zibel mhux fil-ħin stipulat.

**AMMINISTRAZZJONI**

- Is-Seġretarja nfurmata lil Kunsill li d-dipartiment kien talab risposta għal Management Letter. Din qrat l-ittra bħala risposta għal ammont ta' nuqqasijiet li r-riżultaw min amministrazzjoni preċedenti. Hi spjegat x' azzjonijiet ser jittieħdu, pero infurmat li s-sistema ma tista tigi għan-normal min lejl għal nhar allura qed taħdem bie tnaqqas in-nuqqasijiet.

- Is-Seġretarja nfurmat ukoll li sar tnaqqis mill-allokazzjoni tal-Kunsill peress li l-amministrazzjoni preċendenti kienet daħlet rapport finanzjari tard. Allura d-dipartiment naqqas l-ammont ta' 5,052.96 euro. Is-Segretarja nfurmat li m'hiex se tieħu responsabilita' ta' dan it-tnaqqis.

- Is-Segretarja nfurat ukoll li għamlet analizi dwar l-bzonnijiet li l-Kunsill tal-Belt għandu bzonn. Spjegat li l-impjegati ta' Kunsill ta' Belt Kapitali għandu jirrifletti dawn l-bzonnijiet. Għalhekk saret *re-organization* ta' l-*Organigram* ta' l-amministrazzjoni. Dan ser jgħin biex nkunu *geared* għas-sena 2018 s-sena fejn il-Belt ser tkun l-*European Cultural Capital*. Għalhekk l-post vakanti ta' clerk ser jinbidel fi post għal *Town Centre Manager*, dan ser ikun responsabbli min *Marketing, Communication u Infrastructure*. Dan il-post ser jirrifletti d-diversi laqgħat li diga saru ma diversi stakeholders flimkien ma dak li kien is-Segretarjat tat-Turizmu u is-Seġretarjat inkarigat mill-kunsilli. Is-Segretarja kienet tattendi għal dawn il-laqgħat allura setgħat tipprepara dan il-post skond it-training li ħadet.

**TMIEM**

Fil-8.00pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku